IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.2.2020
COM(2020) 55 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rieżami tal-governanza ekonomika

Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE

{SWD(2020) 210 final} - {SWD(2020) 211 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rieżami tal-governanza ekonomika

Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 u dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE[1]

1. Introduzzjoni

L-euro hija l-munita unika ta' aktar minn 340 miljun Ewropew fi 19-il Stat Membru u hija waħda mill-aktar kisbiet sinifikanti u tanġibbli tal-Ewropa. L-euro hija aktar minn proġett monetarju. Tipprovdi bażi biex l-ekonomiji tagħna jintegraw aktar bil-għan li jiġu appoġġati aktar l-istabbiltà u l-prosperità.

L-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Maastricht fl-1992, hija waħda unika. Tlaqqa' politika monetarja unika, bil-għan tal-istabbiltà tal-prezzijiet, ma' politiki fiskali u ekonomiċi deċentralizzati li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Istati Membri. It-Trattat ta' Maastricht għaraf il-ħtieġa għat-tħaddim ta' politiki fiskali sodi u għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi biex il-politika monetarja unika titwettaq b'mod effettiv u biex jiġi żgurat li l-euro tkun munita stabbli u ta' suċċess fil-konfront ta' riskji potenzjali ta' riperkussjonijiet fost l-Istati Membri u ta' mġiba possibbli ta' parassitiżmu li jwasslu għal defiċits u dejn tal-gvern f'livelli eċċessivi. Min-naħa tagħhom dawn ikunu ta' theddida għall-istabbiltà tal-prezzijiet u jistgħu jġiegħlu l-bank ċentrali juża l-politika monetarja biex jiffinanzja d-defiċits baġitarji.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Trattat jirrekjedi lill-Istati Membri biex iqisu l-politiki ekonomiċi bħala kwistjonijiet komuni u biex jikkoordinawhom fil-Kunsill. Stabbilixxa wkoll ir-rekwiżit li l-Istati Membri jevitaw defiċits tal-gvern li jaqbżu t-3 % tal-PDG u jżommu l-livelli tad-dejn pubbliku anqas minn 60 % tal-PDG. Barra minn hekk, jistabbilixxi ċerti elementi li jżommu d-dixxiplina tas-suq, prinċipalment il-prinċipju tal-projbizzjoni tas-salvataġġ finanzjarju li jafferma li l-gvernijiet ma għandhomx iħallsu d-djun

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1; Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8; Ir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12; Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25; Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33; Id-Direttiva 2011/85/UE tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41; Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1; Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.

ta' xulxin, u jimpedixxi l-finanzjament monetarju tad-dejn tal-gvern mill-bank ċentrali. L-arkitettura ġiet influwenzata mill-esperjenzi tar-rati ta' inflazzjoni għoljin tas-snin 1970 u 1980, u minn fehma qawwija fost il-fassala tal-politika li l-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja tkun xprun qawwi li jwassal għall-konverġenza u l-istabbilizzazzjoni fl-unjoni monetarja.

Minn meta t-Trattat ta' Maastricht bena l-pedamenti taż-żona tal-munita unika fil-bidu tas-snin 1990, l-Unjoni żviluppat qafas komprensiv u dettaljat ħafna għas-sorveljanza ekonomika u fiskali. Il-qafas huwa stabbilit f'firxa ta' leġiżlazzjoni sekondarja li huma deskritti aktar 'l isfel, kif ukoll f'dokumenti oħrajn li jagħtu aktar dettalji u trasparenza dwar kif is-sorveljanza ssir fil-prattika. Dawn tal-aħħar jinkludu l-Kodiċi tal-Kondotta tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Kodiċi tal-Kondotta tat-"Two-Pack". Aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' sorveljanza jinsabu fil-Vade Mecum dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Kompendju dwar il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

Il-qafas evolva fi stadji maż-żmien, hekk kif il-bidliet iddaħħlu fi tweġiba għall-emerġenza ta' sfidi ekonomiċi ġodda kif ukoll abbażi tat-tagħlimiet li ttieħdu matul l-implimentazzjoni tal-qafas ta' sorveljanza. Fil-qosor:

- Fl-1997 il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) ġie stabbilit biex isaħħaħ il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali u ekonomiċi nazzjonali għall-infurzar permanenti tal-limiti tad-defiċit u tad-dejn li ġew stabbiliti mit-Trattat ta' Maastricht għall-Istati Membri kollha.[2] Notevolment, dan daħħal fis-seħħ il-kriterju tad-defiċit tat-Trattat ta' Maastricht permezz tal-parti korrettiva[3] tal-PST u stabbilixxa l-parti preventiva[4] biex jiġi evitat li jinġemgħu defiċits eċċessivi.
- Fil-bidu tas-snin 2000, uħud mill-Istati Membri li kienu qegħdin jesperjenzaw ambjent ta' reċessjoni sabuha diffiċli li jaderixxu mal-miri ta' defiċit nominali tal-PST. Fl-isfond ta' dawn l-esperjenzi bikrija, il-PST ġie riformat b'manjiera li tikkunsidra aktar il-kundizzjonijiet ekonomiċi. B'hekk ir-riforma tal-2005 tefgħet enfasi aktar b'saħħitha fuq l-isforz fiskali strutturali bil-għan li jitqies l-impatt taċ-ċiklu ekonomiku fuq il-finanzi tal-gvern. B'mod ġenerali, l-emenda tal-PST saret biex tingħata aktar kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni ekonomika u baġitarja speċifika ta' pajjiż u tar-riskju għas-sostenibbiltà tal-Istati Membri, fosthom l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.
- Fi tweġiba għall-vulnerabbiltajiet li ħarġu fid-dieher mill-kriżi ekonomika u finanzjarja li laqtet lill-UE u liż-żona tal-euro fl-2007, l-UE ħadet sensiela ta' miżuri biex issaħħaħ il-qafas tal-governanza u tas-sorveljanza ekonomika tagħha. Dawn jgħoddu għall-Istati Membri kollha, iżda għandhom għadd ta' karatteristiċi speċifiċi għal dawk li jużaw l-euro. Fil-qalba ta' dawn l-isforzi kien hemm il-pakketti leġiżlattivi magħrufa bħala s-"six-pack" (2011) u t-"two-pack" (2013) (ara l-Kaxxa 1 għal ħarsa ġenerali lejn l-elementi tar-riformi tas-"six-pack" u tat-

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u r-Riżoluzzjoni tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

[3] Il-parti korrettiva tal-PST tiżgura li l-Istati Membri jadottaw risponsi xierqa ta' politika biex jikkoreġu l-livelli tad-dejn jew defiċits eċċessivi billi jimplimentaw il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, li tagħti rakkomandazzjonijiet vinkolanti u operazzjonali lill-Istati Membri fir-rigward tal-aġġustament fiskali meħtieġ għall-korrezzjoni tas-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fi żmien stipulat.

[4] Il-parti preventiva tal-PST tappoġġa lill-Istati Membri biex jiksbu l-impenji li jieħdu dwar il-politiki fiskali sodi. Din titlob li l-Istati Membri jilħqu l-objettiv baġitarju speċifiku għall-pajjiż fuq terminu medju bil-kunsiderazzjoni taċ-ċiklu ekonomiku, li jwassal għall-istabbilizzazzjoni awtomatika u għal finanzi pubbliċi sostenibbli.

"two-pack"). L-għan ta' dawn il-pakketti kienu li tinkiseb kooperazzjoni eqreb tal-politika ekonomika kif ukoll il-konverġenza kontinwa tal-kooperazzjoni ekonomika billi tissaħħaħ is-sorveljanza baġitarja skont il-PST, u billi l-Istati Membri jiġu obbligati jistabbilixxu oqfsa fiskali nazzjonali. Barra minn hekk wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza b'mod li jinkludi l-iżbilanċi makroekonomiċi. It-"two-pack" daħħal regoli dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jindirizza r-rilevanza speċifika tar-riperkussjonijiet fiż-żona tal-euro, it-tisħiħ speċifiku tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkunu taħt il-parti korrettiva tal-PST u l-qafas għal azzjoni fil-konfront tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li jew ikunu għaddejjin, jew ikunu mhedda, minn diffikultajiet relatati mal-istabbiltà finanzjarja. Dan it-tisħiħ iddaħħal fi żmien meta l-fiduċja tas-suq u fost l-Istat Membri kienet dgħajfa u għaldaqstant iffoka fuq it-tnaqqis tar-riskju fi Stati Membri individwali u fuq il-ħarsien tal-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Iż-żewġ pakketti kienu parti minn sensiela ta' passi aktar estensiva biex tissaħħaħ l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni u taż-żona tal-euro kollha kemm hi, fosthom il-ħolqien ta' mekkaniżmi li jagħtu appoġġ finanzjarju kundizzjonali lill-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkunu għaddejjin, jew li jkun hemm it-theddida li jgħaddu, minn kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja, u l-ħolqien ta' Unjoni Bankarja b'mekkaniżmi superviżorji u ta' riżoluzzjoni komuni.

- Is-sorveljanza makroekonomika u baġitarja mġedda ġiet integrata fis-Semestru Ewropew, li jipprovdi skeda ta' żmien komuni għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fil-livell tal-UE, u li nħoloq fl-istess kuntest. Minn meta ġie introdott fl-2011, is-Semestru Ewropew qorob progressivament lejn sorveljanza ekonomika aktar integrata, fosthom il-monitoraġġ tal-isforzi tal-Istati Membri skont l-istrateġija Ewropa 2020.

Kaxxa 1: Ir-riformi tas-"six-pack" u tat-"two-pack" tal-qafas tas-sorveljanza ekonomika

Ir-riforma tas-"six-pack" (2011)

Ir-riforma tas-"six-pack" kienet magħmula minn ħames Regolamenti u Direttiva waħda li saħħew is-sorveljanza fiskali u wessgħu l-ambitu tas-sorveljanza ekonomika b'mod li jinkludi l-iżbilanċi makroekonomiċi[5]. B'mod partikolari, is-"six-pack" saħħaħ is-sorveljanza fiskali billi qawwa l-*parti preventiva* tal-PST, għaliex it-twettiq ta' politiki fiskali sodi fi żminijiet ekonomiċi tajbin isaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jifilħu għax-xokkijiet ekonomiċi, u joħloq l-ispazju biex tintuża politika fiskali fi żminijiet ħżiena. Għalhekk introduċa l-kunċett ta' *devjazzjoni sinifikanti* mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament biex jintlaħaq dan l-objettiv u stabbilixxa proċedura biex l-Istati Membri jikkoreġu din id-devjazzjoni. Fir-rigward tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, rispons ta' politika insuffiċjenti jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji. Ġie introdott *parametru referenzjarju tal-infiq* biex ikun jista' jsir monitoraġġ aħjar dwar kif l-Istati Membri jkunu qegħdin jimplimentaw l-impenji baġitarji tagħhom. Il-parametru referenzjarju tal-infiq jipprovdi aktar gwida operazzjonali lill-Istati Membri fit-twettiq ta' politiki fiskali prudenti, billi jiffoka s-sorveljanza fuq l-indikaturi taħt il-kontroll dirett tal-gvern.

Ir-riforma tas-"six-pack" saħħet il-*parti korrettiva* tal-PST billi bdiet tħaddem il-kriterju tad-dejn[6] tat-Trattat, *li wessa' l-enfasi minn fuq li jiġu evitati defiċits eċċessivi għal fuq l-iżgurar ta' perkors ta' dejn sostenibbli.*

Barra minn hekk, is-"six-pack" intensifika s-sanzjonijiet possibbli f'każijiet li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jonqsu milli jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet skont il-PST.

Id-Direttiva dwar l-oqfsa baġitarji introduċiet ir-rekwiżiti għall-Istati Membri f'dak li jikkonċerna l-oqfsa fiskali nazzjonali tagħhom. Inkoraġġiet enfasi aktar qawwija fuq l-ippjanar fuq perjodu medju u l-proċessi baġitarji trasparenti. Ippromwoviet ukoll l-użu ta' previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji imparzjali għall-pjanijiet fiskali u monitoraġġ indipendenti tal-konformità mar-regoli fiskali fil-livell nazzjonali.

Minbarra li saħħaħ is-sorveljanza fiskali, ir-riforma tas-"six-pack" introduċiet wkoll il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) biex jinqabdu żbilanċi makroekonomiċi dannużi, ma jitħallewx jixirfu u tiġi żgurata l-korrezzjoni tal-iżbilanċi eżistenti. Il-Kummissjoni identifikat *żbilanċi makroekonomiċi* u s-severità tagħhom, fosthom l-eżistenza jew ir-riskju ta' riperkussjonijiet negattivi fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro, u l-Kunsill jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kkonċernati biex jieħdu azzjoni dwarhom. Fil-każ li jiġu identifikati *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, l-MIP jippermetti t-tnedija ta' Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (EIP) li tiffoka fuq il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva li jitressqu u jiġu implimentati mill-Istati Membri u jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

Ir-riforma tat-"two-pack" (2013)

Iż-żewġ Regolamenti inklużi fir-riforma tat-"two-pack" daħħlu proċedura apposta ta' sorveljanza u monitoraġġ fil-konfront tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro minħabba r-riperkussjonijiet fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

[5] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

[6] Il-kriterju tad-dejn jirreferi għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirrikjedu li l-Istati Membri jiksbu proporzjon tad-dejn għall-PDG ta' anqas minn 60 %, sakemm il-proporzjon tad-dejn ma jkunx qed jonqos biżżejjed biex jilħaq dak il-livell b'pass sodisfaċenti.

B’mod partikolari, it-“two-pack” stabbilixxa qafas biex tittieħed azzjoni fir-rigward tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda li jesperjenzaw diffikultajiet b’rabta mal-istabbiltà finanzjarja, li jirċievu assistenza finanzjarja jew li jkunu se joħorġu minn programm ta’ assistenza finanzjarja. B’mod kruċjali, it-“two-pack” saħħaħ ukoll il-koordinazzjoni baġitarja fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro permezz ta’ valutazzjoni multilaterali tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri li jkunu qed isegwu skeda ta’ żmien komuni. Jinkludi wkoll l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar dawk il-pjanijiet qabel ma jiġu adottati mill-parlamenti nazzjonali u diskussjoni fil-Grupp tal-Euro dwar is-sitwazzjoni baġitarja u l-prospetti f’kull wieħed mill-Istati Membri kif ukoll għaż-żona tal-euro. It-“two-pack” saħħaħ ukoll is-sorveljanza tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro b’defiċit eċċessiv.

Fil-bidu ta’ ċiklu politiku ġdid fl-Unjoni ikun sewwa u xieraq li tiġi vvalutata l-effettività tal-qafas għas-sorveljanza ekonomika u fiskali ta’ bħalissa, speċjalment tar-riformi tas-“six-pack” u tat-“two-pack”, li jobbligaw lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-applikazzjoni tagħhom. Il-kwistjonijiet ewlenin li se jiġu indirizzati fir-rieżami jirrigwardaw sa fejn l-elementi differenti tas-sorveljanza kif ġew introdotti jew emendati mir-riformi tas-“six-pack” u tat-“two-pack” kienu effettivi biex jiksbu l-objettivi ewlenin tagħhom, jiġifieri (i) li jiżguraw finanzi tal-gvern u tkabbir sostenibbli, kif ukoll biex jevitaw l-iżbilanċi makroekonomiċi, (ii) li jipprovdu qafas ta’ sorveljanza integrat li jippermetti koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi partikolarment fiż-żona tal-euro, u (iii) li jippromwovu l-konverġenza tal-prestazzjonijiet ekonomiċi fost l-Istati Membri. L-għan ta’ din il-Komunikazzjoni hija li jinbeda dibattitu pubbliku dwar dawn il-kwistjonijiet.

Huwa importanti li r-rieżami jsir b’mod li jqis li l-kuntest ekonomiku evolva materjalment. Għaxar snin wara r-Reċessjoni l-Kbira l-Istati Membri qegħdin iħabbtu wiċċhom ma’ għadd ta’ sfidi differenti minn dawk li kienu qed jiffaċċjaw meta ġew adottati r-riformi tas-“six-pack” u tat-“two-pack”. Filwaqt li d-dewmien tal-irkupru minn dakinhar ma għandux preċedent, it-tkabbir potenzjali ta’ bosta Stati Membri ma laħaqx il-livelli ta’ qabel il-kriżi u r-rati tal-imgħax baqgħu persistentement baxxi[7]. It-tnaqqis tat-tkabbir potenzjali u tar-rati tal-imgħax mexa id f’id ma’ inflazzjoni li ppersistiet fil-livell baxx tagħha u fl-isfond tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Filwaqt li wara l-kriżi l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali biex jissaħħaħ it-tkabbir potenzjali u jingħata sostenn lill-aġġustament ekonomiku kienet b’saħħitha, il-momentum tar-riforma qata’ lura u l-progress miksub fost l-Istati Membri u l-oqsma ta’ politika differenti kien wieħed irregolari.

Dan irid jiġi kkunsidrat fl-isfond tal-għan aktar ġenerali deskritt fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli[8] sabiex jiġi ġġenerat mudell ġdid ta’ tkabbir li se jirrispetta l-limitazzjonijiet tar-riżorsi naturali tagħna u jiżgura l-ħolqien tal-impjiegi u prosperità dejjiema għall-ġejjieni. Dan l-objettiv ġie tradott b’mod konkret fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[9] u fil-Komunikazzjoni dwar Ewropa Soċjali b’Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti[10], li jiddelinjaw strateġija għal tkabbir sostenibbli bil-għan li tittrasforma l-UE fl-ewwel kontinent newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u adattat għall-era diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali. Il-ksib ta’ dawn l-għanijiet se jirrikjedi aktar investiment privat u pubbliku sinifikanti fuq perjodu ta’ żmien kostanti. Dawn l-ambizzjonijiet huma konformi mal-impenn tal-Ewropa

[7] Barra minn hekk, is-sitwazzjoni soċjali u tal-qgħad tjiebet b’mod ġenerali iżda f’diversi Stati Membri għadha ma laħqitx il-livelli ta’ qabel il-kriżi.
[8] Ara l-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli 2020; COM(2019) 650 final.
[9] COM(2019) 640 final.
[10] COM(2020) 14 final.

li tpoġġi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fiċ-ċentru tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-azzjoni tal-UE.

L-implikazzjonijiet tal-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti fuq il-qafas tal-governanza ekonomika jixraqlu riflessjoni bir-reqqa. L-ewwel nett, trid issir valutazzjoni diliġenti dwar jekk dawk l-iżviluppi għandhomx implikazzjonijiet fuq ir-riskji tas-sostenibbiltà tad-dejn. Kif turina l-esperjenza riċenti, is-sentimenti tas-suq jistgħu jinbidlu għal għarrieda u jwasslu għal bidliet ħabta u sabta fir-rati tal-imgħax. Anke jekk ma jkun hemm ebda bidla fl-elementi fundamentali, dan jista' jwassal għal żieda fil-piż fiskali, partikolarment għall-pajjiżi b'dejn għoli, u jipperikola s-sostenibbiltà tad-dejn tagħhom. Possibbilment ir-riskju hu aktar akut f'unjoni monetarja, fejn gvernijiet b'livelli differenti ta' dejn jikkondividu l-istess munita u l-banek ċentrali ma jkunux jistgħu jaġixxu bħala sellief tal-gvern tal-aħħar istanza. Dan jikkonferma l-ħtieġa għal enfasi kontinwa fuq li jiġi żgurat li d-dejn ikun sostenibbli. Fl-istess waqt, billi aktar ma jmur aktar il-politika monetarja qiegħda tinżamm lura mil-livell inferjuri tar-rati tal-imgħax, ir-rwol xieraq tal-politika fiskali u ekonomika fl-istabbilizzazzjoni makroekonomika għandu jiġi rieżaminat. Barra minn hekk, il-politiki fiskali nazzjonali jaffettwaw ukoll il-funzjonament tas-swieq finanzjarji u jinteraġixxu mal-politika monetarja, b'mod partikolari meta jitqies ir-rwol tal-bonds sovrani nazzjonali bħala assi ta' referenza sikuri u l-impatt potenzjali fil-każ li l-assi sikuri jiskarsaw relattivament. Fl-aħħar nett, il-konsegwenzi tar-riskji klimatiċi fuq l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji u tal-finanzi pubbliċi qegħdin isiru aktar rilevanti fil-proċessi ta' sorveljanza tal-UE.

Ir-rieżami jqis dawn l-isfidi l-ġodda. Dan jiġbed minn fuq il-valutazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE tal-Bord Fiskali Ewropew[11] (BFE), kif ukoll fuq ir-rapporti eżistenti tal-Parlament Ewropew[12], tal-Istati Membri, tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[13], u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn u tal-akkademja.

2. Valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-"six pack" u tat-"two pack"

2.1 Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-oqfsa fiskali nazzjonali

Din is-sottotaqsima tivvaluta l-qafas tas-sorveljanza fiskali fil-konfront tal-objettivi ewlenin, jiġifieri biex jiġi megħjun l-iżgurar ta' finanzi pubbliċi sostenibbli, biex jingħata lok għall-istabbilizzazzjoni ekonomika, biex tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi, u biex titrawwem is-sjieda tar-regoli fiskali tal-UE. Fl-aħħar nett, hija tivvaluta d-Direttiva 2011/85 fir-rigward tal-impatt tagħha fuq l-oqfsa fiskali nazzjonali.

Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi

Fid-diżinn inizjali tiegħu (1997), meta r-rifda ewlenija kienet il-limitu tad-defiċit tal-PDG ta' 3 %, il-PST iffoka fuq il-prevenzjoni ta' riperkussjonijiet minn defiċits għoljin eċċessivament,

[11] Il-Bord Fiskali Ewropew, Il-valutazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE b'enfasi fuq il-leġiżlazzjoni tas-"six-pack" u tat-"two-pack", Awwissu 2019.

[12] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi, ĠU C 407, 4.11.2016, p. 86.

[13] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?, Rapport Speċjali Nru 18/2018; Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, Rapport Speċjali Nru 10/2016; Ir-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali: jeħtieġ li jissaħħu aktar u l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar, Rapport Speċjali Nru 22/2019; Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), Rapport speċjali Nru 03/2018.

li jimminaw l-istabbiltà tal-prezzijiet fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja u jaffettwaw l-effettività tal-politika monetarja.

Bil-miġja tal-kriżi ekonomika u finanzjarja l-enfasi tas-sorveljanza fiskali qalbet għal fuq ir-riskji li jirriżultaw minn livelli insostenibbli ta' dejn pubbliku, u fuq kriżijiet possibbli tad-dejn, li jistgħu jkunu ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Fil-kuntest taż-żieda tal-pressjoni fuq is-suq u l-awment bilġri tal-livelli tad-dejn kien hemm il-ħtieġa għat-tisħiħ deċiżiv tas-salvagwardji għal dejn sostenibbli. Il-leġiżlazzjonijiet tas-"six-pack" u tat-"two-pack" tfasslu f'dan il-kuntest.

Il-PST rriformat inkoraġġixxa lill-Istati Membri jerġgħu lura lejn pożizzjonijiet baġitarji sodi billi jnaqqsu d-defiċits tagħhom u billi jibdew inaqqsu l-proporzjonijiet tad-dejn tagħhom. B'mod partikolari, il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv uriet li hija għodda effettiva biex jitnaqqsu defiċits għoljin: L-Istati Membri kollha li daħlu fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja effettivament ikkoreġew id-defiċits għoljin tagħhom. Filwaqt li fl-2010 l-Istati Membri kollha minbarra tlieta rreġistraw defiċits eċċessivi, wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja (hekk kif fl-2009-2010 d-defiċit nominali tal-livell aggregat tal-UE qabeż is-6 % tal-PDG minħabba s-severità tar-reċessjoni u r-rikapitalizzazzjoni tal-banek f'xi Stati Membri), fl-2018 l-Istati Membri kollha rrispettaw il-kriterju tat-3 % tar-relazzjoni bejn il-PDG u d-defiċit[14]. Barra minn hekk 16-il Stat Membri laħqu jew qorbu lejn l-objettivi baġitarji fit-terminu medju u b'hekk kisbu l-buffers fiskali u l-ispazju fiskali biex jinvestu.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin il-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi u l-aġġustament sussegwenti lejn l-objettivi baġitarji ta' terminu medju ġew xprunati aktar minn kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli, dħul imprevist u rati tal-imgħax aktar baxxi milli minn aġġustamenti fiskali fit-tul. Il-Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti, li għandha l-għan li ma tippermettix defiċits eċċessivi billi tagħti l-opportunità lill-Istati Membri li jikkoreġu d-devjazzjonijiet mill-objettivi baġitarji ta' terminu medju, jew il-perkors ta' aġġustament lejn il-kisba tagħhom, uriet li ma kinitx effettiva fil-każ tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro[15].

Wara li bejn l-2009 u l-2014 il-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG tal-UE u taż-żona tal-euro laħqu kważi d-90 %, fl-2015 dawn bdew jonqsu minħabba f'defiċits primarji aktar baxxi u surpluses ogħla, tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u rati tal-imgħax fuq id-dejn pubbliku fl-aktar livelli baxxi fl-istorja. B'mod ġenerali l-Kummissjoni tbassar li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG se jkompli jonqos hekk kif għamel f'dawn l-aħħar snin u fl-2020 se jilħaq id-79 %, livell ħafna aktar baxx minn dak tal-Istati Uniti jew tal-Ġappun (madwar il-114 % u l-237 % rispettivament). Madankollu, id-dinamiki tad-dejn fost l-Istati Membri kienu ddevjaw mhux ftit minn żmien il-kriżi ekonomika u finanzjarja. Dan jirrifletti d-differenzi kbar fil-pass tal-konsolidazzjoni fiskali u tat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll fil-kosti fiskali speċifiċi tal-pajjiżi relatati mal-miżuri ta' appoġġ għas-settur bankarju. Issa madwar nofs l-Istati Membri (għal darba oħra) għandhom livelli ta' dejn pubbliku li jilħqu s-60 % tal-PDG, iżda f'oħrajn għadhom madwar jew (ferm) aktar minn 100 % tal-PDG, li jammonta għal sehem kbir tal-PDG taż-żona tal-euro.

[14] L-unika eċċezzjoni hija Ċipru fejn fl-2018 il-gvern ġenerali rreġistra defiċit temporanju ta' 4.4 % tal-PDG minħabba l-miżuri ta' appoġġ ta' darba marbuta mal-bejgħ tas-Cyprus Cooperative Bank. Fl-2019 l-bilanċ baġitarju mistenni li jerġa' lura għal surplus komdu ta' qrib l-4 % tal-PDG.

[15] Sa issa l-Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti tnediet fil-konfront ta' żewġ Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro: tar-Rumanija fl-2017 u tal-Ungerija fl-2018. It-tnejn li huma naqsu milli jieħdu azzjoni effettiva biex jikkoreġu d-devjazzjoni sinifikanti u, konsegwentement, minn dakinhar kienu suġġetti għal proċeduri mtennija, li jitfa' dubji fuq l-effettività tal-Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti fil-konfront tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro għaliex ir-regoli ma jippreveduxsanzjonijiet fil-każ li ma jikkonformawx.

Fil-fatt il-proporzjon tad-dejn ta' wħud mill-Istati Membri ssokta jiżdied jew, fl-aqwa xenarju, stabbilizza. Dan wessa' d-diverġenzi bejn il-livelli tad-dejn fl-UE. Uħud mill-Istati Membri b'dejn għoli għad għandhom defiċits li ma jipprovdux marġni ta' sikurezza biżżejjed għall-ilħuq tal-valur referenzjali ta' 3 % tal-PDG minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli. Għadhom ukoll ferm 'il bogħod milli jilħqu l-objettivi baġitarji ta' terminu medju.

Dawn l-osservazzjonijiet jenfasizzaw l-importanza ta' parti preventiva effettiva u ta' implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-politika fiskali mill-Istati Membri kollha. Iwasslu wkoll għall-konklużjoni li l-infurzar tar-regoli fiskali ma għamel l-ebda differenza materjali fil-każijiet fejn l-infurzar tad-dixxiplina fiskali kien l-iktar meħtieġ. L-infurzar tal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn matul perjodi ta' tkabbir dgħajjef u ta' inflazzjoni baxxa ħafna kien diffiċli fil-livell politiku u ekonomiku. F'xi pajjiżi b'ħafna dejn it-tnaqqis tal-parametru referenzjarju tad-dejn kien jeħtieġ sforzi fiskali partikolarment għolja li setgħu jgħarrqu d-dinamiki tad-dejn. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformità mal-kriterju tad-dejn u tal-Opinjonijiet sussegwenti li nħarġu mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qieset il-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-"six-pack", fosthom l-inflazzjoni baxxa u t-tkabbir dgħajjef, u b'mod partikolari l-konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva.

L-istabbilizzazzjoni ekonomika fil-livell tal-Istati Membri individwali u taż-żona tal-euro

Il-leġiżlazzjoni li tinsab fir-riforma tas-"six-pack" u tat-"two-pack" tagħraf ir-rwol tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika, b'mod partikolari l-importanza li tiġi evitata politika proċiklika. L-għan tagħha huwa li l-Istati Membri jaġġustaw il-politiki fiskali tagħhom matul iż-żminijiet ekonomiċi tajbin biex jibnu buffers fiskali, u b'hekk ikollhom biżżejjed spazju fiskali li jippermetti t-tħaddim tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u li jagħtihom appoġġ fiskali matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Il-koordinazzjoni fiskali msaħħa tagħti wkoll aktar prominenza lill-pożizzjoni fiskali aggregata taż-żona tal-euro kollha kemm hi. L-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-leġiżlazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill[16] gradwalment saħħew elementi ta' stabbilizzazzjoni tal-attività ekonomika f'qasir żmien.

Speċifikament, it-tfassil tal-parti preventiva tal-PST jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-sostenibbiltà u tal-istabbilizzazzjoni. Il-ksib tal-objettivi baġitarji ta' terminu medju speċifiċi tal-pajjiżi jipprovdi lill-Istati Membri bl-opportunità li jużaw il-politika fiskali għall-finijiet tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika fi żminijiet ekonomiċi diffiċli billi jagħti lok li l-istabbilizzaturi ekonomiċi joperaw b'mod liberu jew li jiżdied l-investiment. Barra minn hekk, l-objettiv baġitarju ta' terminu medju innifsu, u l-isforz ta' Stat Membru li jikseb l-objettiv baġitarju ta' terminu medju huwa stabbilit f'termini strutturali, jiġifieri kkorreġut mill-influwenza taċ-ċiklu ekonomiku. L-isforz strutturali meħtieġ jirrifletti l-pożizzjoni tal-Istat Membru fiċ-ċiklu ekonomiku (jiġifieri akbar fi żminijiet tajbin u anqas fi żminijiet ibsin) u l-livell tad-dejn.

Minkejja dan, ġeneralment il-politiki fiskali tal-Istati Membri baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom proċikliċi F'nofs is-snin 2000, il-politika fiskali diġà kienet waħda proċiklika meta ż-żminijiet ekonomiċi partikolarment tajbin, u fil-parti l-kbira tagħha baqgħet waħda proċiklika matul il-kriżi hekk kif il-konsolidazzjoni seħħet fil-kuntest ta' pressjoni tas-suq

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 dwar "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" introduċiet lok limitat għal stabbilizzazzjoni fiskali diskrezzjonali ġdida. Dik il-Komunikazzjoni rriżultat f'pożizzjoni miftiehma mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (KEF) f'Novembru 2015, li ġiet approvata mill-Kunsill (ECOFIN) tat-12 ta' Frar 2016.

akbar f'mument ta' tkabbir baxx ħafna jew saħansitra tnaqqis fl-attività ekonomika. Filwaqt li l-qafas fiskali riformat ippermetta l-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, l-effett tagħhom kien ikkumpensat minn miżuri ta' konsolidazzjoni diskrezzjonarji meħtieġa biex jiġu kkoreġuti l-pożizzjonijiet insostenibbli fil-kuntest ta' pressjoni tas-suq akbar. Dan ikkontribwixxa għal prestazzjoni ekonomika u tal-impjiegi dgħajfa f'dak il-perjodu, anke jekk kellha l-għan li tpoġġi l-finanzi pubbliċi fuq bażi sostenibbli u li treġġa' lura l-fiduċja tas-suq. Il-konsolidazzjoni fiskali waqfet zoptu mill-2014, f'mument meta d-distakk fl-output fiż-żona tal-euro kienu għadu fin-negattiv. Minkejja dan, il-pożizzjoni tal-aggregazzjoni fiskali fiż-żona tal-euro baqgħet fil-parti l-kbira waħda newtrali għalkemm sal-2017 id-distakk tal-output taż-żona tal-euro kien sar wieħed pożittiv. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tal-pożizzjoni fiskali fost l-Istati Membri ma kinitx waħda adegwata fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tas-sostenibbiltà u tal-istabbilizzazzjoni. Għaldaqstant, minkejja l-parti preventiva msaħħa, bosta Stati Membri ma ħadux l-opportunità taż-żminijiet ekonomiċi aktar favorevoli biex jibnu buffers kontroċikliċi.

Barra minn hekk, il-PST jiffoka fuq il-korrezzjoni ta' livelli għoljin tad-defiċit u d-dejn pubbliċi. Filwaqt li l-PST stabbilixxa l-proċeduri għall-korrezzjoni ta' defiċits pubbliċi għolja f'termini ta' limiti nominali, ma jistax *iġiegħel* it-tħaddim ta' politiki fiskali li jgħinu l-attività ekonomika.

Ir-riforma tat-"two-pack" stabbilixxiet skeda ta' żmien baġitarja komuni għaż-żona tal-euro, li tipprevedi verifiki tas-sitwazzjoni baġitarja u tal-prospetti fiż-żona tal-euro abbażi tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri u tal-interazzjonijiet tagħhom madwar iż-żona tal-euro qabel ma l-baġits jiġu adottati fil-parlamenti nazzjonali. Għalkemm il-qafas legali jbassar il-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-Kunsill joħorġu b'miżuri li jsaħħu l-koordinazzjoni tal-politika baġitarja u makroekonomika fil-livell taż-żona tal-euro, ma tippermettix li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jinfurzaw il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Minkejja li s-Semestru Ewropew jħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-Programmi ta' Stabbiltà u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma jqisu r-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[17], id-dimensjoni taż-żona tal-euro għadha mhijiex waħda ċentrali għall-politiki tal-Istati Membri.

F'dan il-kuntest, u fin-nuqqas ta' kapaċità fiskali ċentrali b'karatteristiċi ta' stabbilizzazzjoni, il-kapaċità li l-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro titmexxa b'mod uniku għadha limitata. Dan iliġġem il-kamp ta' applikazzjoni ta' politika fiskali li tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni ekonomika fil-livell taż-żona tal-euro kollha kemm hi fil-każ ta' xokkijiet kbar li ma jkunux ikkawżati mill-politiki. Minħabba f'hekk, minbarra l-politiki fiskali u ekonomiċi nazzjonali, iż-żona tal-euro għadha tiddependi l-aktar fuq il-politika monetarja għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika tagħha, li tieħu rilevanza partikolari fi żminijiet meta l-politika monetarja tkun qrib il-limitu minimu effettiv. Il-ħolqien ta' kapaċità ta' stabbilizzazzjoni fiskali fiż-żona tal-euro, li tkun tikkumplimenta l-politiki fiskali nazzjonali, jippermetti li l-politika monetarja ssir aktar effettiva b'anqas konsegwenzi.

Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi, fosthom l-iżvilupp tal-investiment pubbliku

Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi hija kwistjoni kumplessa u multidimensjonali. Tikkonċerna l-għamla tad-dħul u tan-nefqa pubbliċi u dwar jekk dawn jirfdux it-tkabbir sostenibbli u l-inklużjoni soċjali b'mod xieraq. Barra minn hekk tirrigwarda l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa u

[17] Fil-ħarifa ta' kull sena, u wara li f'Ġunju ssir il-valutazzjoni tal-Bord Fiskali Ewropew, il-Kummissjoni tadotta rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro bi gwida dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-munita unika kollha kemm hi.

tal-mekkaniżmi ta' kontroll u prijoritizzazzjoni tan-nefqa pubblika. F'dan il-kuntest, ir-rieżamijiet tal-infiq jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-allokazzjoni tan-nefqa. Kwistjoni ta' rilevanza partikolari għandha x'taqsam mal-osservazzjoni li matul il-perjodi ta' konsolidazzjoni fiskali jkun aktar jaqbel li jinqata' l-investiment pubbliku jew li jiżdiedu t-taxxi milli ssir ir-razzjonalizzazzjoni ta' oġġetti oħra ta' nefqa. Huwa importanti li l-qafas ta' sorveljanza fiskali, li huwa msejjes fuq regoli, jagħti biżżejjed attenzjoni lil dawn il-kwistjonijiet[18], fosthom ir-rwol tal-investiment pubbliku, bħala kundizzjoni neċessarja biex jintrifdu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u s-sostenibbiltà fit-tul.

Ir-rwol essenzjali tal-investiment pubbliku li jagħti beni pubbliċi li jappoġġaw finanzi pubbliċi sostenibbli huwa magħruf sew fil-qafas fiskali tal-UE. L-ewwel nett, l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jobbliga lill-Kummissjoni tqis l-infiq tal-gvernijiet fuq l-investiment meta tkun qed tikkunsidra jekk Stat Membru jkollux defiċit eċċessiv. It-tieni, kemm fit-titolu kif ukoll fil-kontenut tiegħu l-PST jirrikonoxxi l-ħtieġa li titqies il-kwalità kumplessiva tal-finanzi pubbliċi f'termini ta' tassazzjoni li tiffavorixxi t-tkabbir u n-nefqa pubblika. It-tielet, id-definizzjoni tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju jirreferi għall-ispazju ta' mmanuvrar baġitarju u b'mod partikolari għall-ħtieġa tal-investiment pubbliku[19]. Dan wassal għal dispożizzjonijiet fil-qafas fiskali li ppruvaw jipproteġu l-livell tal-investiment pubbliku matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u jinċentivaw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, li jikkontribwixxu għal finanzi pubbliċi sostenibbli, fosthom billi jżidu t-tkabbir potenzjali.

Madankollu, b'mod ġenerali l-qafas fiskali ta' bħalissa ma ostakolax it-tnaqqis fil-livell tal-investiment pubbliku matul perjodi ta' konsolidazzjoni fiskali, u lanqas ma wassal biex il-finanzi pubbliċi isiru aktar favorevoli għat-tkabbir[20]. Primarjament dan jirrifletti l-għażliet tal-politika maħsuba fl-Istati Membri. Fil-fatt, ma hemm l-ebda evidenza li l-investiment tfixkel minħabba r-regoli fiskali. Għalkemm it-tħaddim tal-klawsola dwar l-investiment fl-2015 u fl-2016[21] kellu l-għan li jsaħħaħ l-orjentazzjoni tat-tkabbir tal-PST permezz tal-ħarsien tal-investiment matul tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, jidher li dan ma kellux impatt pożittiv sostanzjali fuq l-investiment pubbliku. B'mod partikolari, l-enfasi tal-klawsola fuq il-ħarsien tal-investiment fis-sitwazzjoni speċifika ta' tnaqqis qawwi tar-ritmu ekonomiku ġeneralment kienet tinvolvi l-użu limitat tagħha[22]. Bl-istess mod, sal-lum il-klawsola tar-riforma strutturali ġiet applikata ħames darbiet[23] u ma tantx irnexxielha tippromwovi riformi li jtejbu l-kwalità tal-finanzi pubbliċi u/jew iżidu t-tkabbir potenzjali.

Dawn is-sejbiet jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa, mhux l-anqas fil-dawl tal-investimenti addizzjonali sostanzjali li huma meħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura, biex l-

[18] F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(3)(d) tar-Regolament Nru 473/2013 jiddikjara li "L-abbozz tal-pjan baġitarju għandu jkun fih […] informazzjoni relevanti dwar in-nefqa skont il-funzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, fost oħrajn dwar l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi, u, meta jkun possibbli, indikazzjonijiet dwar l-impatt distributtiv mistenni tal-miżuri ewlenin tan-nefqa u tad-dħul".

[19] Barra minn hekk, l-Istati Membri taż-żona tal-euro li fil-konfront tagħhom tinfetaħ PDE jridu jippreżentaw Programm ta' Sħubija Ekonomika li jiddeskrivi l-miżuri tal-politika u r-riformi strutturali meħtieġa biex tiġi żgurata korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv. Il-prijoritajiet tal-politika fil-programm jridu jkunu wkoll konsistenti mal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

[20] L-investiment pubbliku fl-UE naqas minn massimu ta' 3,7 % tal-PDG fl-2009 għal 2,7 % fl-2017, filwaqt li b'mod ġenerali s-sehem tal-investiment pubbliku għall-ħarsien ambjentali baqa' stabbli u laħħaq il-5-6 % tat-totali, ara l-Eurostat, in-nefqa ġenerali tal-gvern skont il-funzjoni (COFOG).

[21] Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

[22] Sal-lum kienu biss l-Italja u l-Finlandja li bbenefikaw mill-klawsola tal-investiment fl-2016.

[23] Il-klawsola tar-riforma strutturali ġiet applikata fil-każijiet tal-Italja fl-2016, tal-Latvja, tal-Litwanja u tal-Finlandja fl-2017, u tal-Belġju fl-2019.

ekonomija tal-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050 u biex tiġi inkoraġġita t-tranżizzjoni diġitali. Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni se tissokta tesplora ż-żieda fl-użu ta' għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku mal-Istati Membri.

Is-sjieda u l-governanza tar-regoli fiskali tal-UE

It-tfassil tal-qafas tal-governanza fiskali tal-UE ta' bħalissa huwa kkaratterizzat minn bosta regoli assoċjati ma' indikaturi differenti biex titkejjel il-konformità, u jinkludi diversi klawsoli li jippermettu li jkun hemm devjazzjonijiet mir-rekwiżiti - kull klawsola bil-kriterji tal-eliġibbiltà tagħha.

Dawn il-bosta regoli mhux dejjem iwasslu għall-istess konklużjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità u għaldaqstant jitolbu ġudizzju ekonomiku. Barra minn hekk, il-qafas jiddependi ħafna fuq varjabbli li mhumiex osservabbli direttament u li jiġu riveduti ta' spiss, bħad-distakk fl-output u l-bilanċ strutturali li jfixklu l-għoti ta' gwida politika stabbli. Filwaqt li l-livell ogħla ta' sofistikazzjoni tal-PST huwa maħsub biex il-qafas ikun aktar adattabbli għall-kundizzjonijiet ekonomiċi li jinbidlu, dan żied ukoll il-kumplessità u naqqas it-trasparenza tiegħu, speċjalment tal-parti preventiva. Dan fixkel is-sjieda, il-komunikazzjoni u l-aċċettazzjoni politika. Sa ċertu punt, dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati mill-Kummissjoni permezz tal-enfasi aktar qawwija li tefgħet fuq il-parametru referenzjarju tal-infiq, li jagħti gwida politika aktar stabbli u operazzjonali, u enfasi fuq il-partiti baġitarji li huma taħt il-kontroll dirett tal-gvern.

Bħala kwistjoni relatata, filwaqt li l-enfasi fuq l-aġġustamenti fiskali annwali u l-valutazzjonijiet ta' konformità ssaħħet, il-prijorità fuq l-ippjanar baġitarju fit-terminu medju ddgħajfet, u bosta Stati Membri qegħdin jipposponu l-ksib tal-objettivi ta' terminu medju tagħhom[24]. Jista' jkun ukoll li l-insistenza qawwija fuq il-konformità mar-rekwiżiti annwali kkontribwixxiet għal differenzjazzjoni insuffiċjenti bejn l-Istati Membri li għandhom pożizzjonijiet fiskali u riskji ta' sostenibbiltà differenti ferm.

L-eżami annwali tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri tat l-opportunità lill-Kummissjoni li tinforma l-proċessi baġitarji tal-Istati Membri qabel, iżda enfasizza wkoll l-isfidi li l-Istati Membri jiġu mġiegħla jibdlu l-pjanijiet tagħhom fi tmiem is-sena u li tinbeda diskussjoni ġenwina dwar il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro fi ħdan il-Grupp tal-Euro.

L-oqfsa fiskali nazzjonali

Ir-rekwiżiti relatati mal-oqfsa fiskali nazzjonali[25] li jinsabu fid-Direttiva 2011/85/UE u r-Regolament Nru 473/2013 xprunaw żvilupp u tisħiħ ġenerali tar-regoli, tal-proċeduri u tal-istituzzjonijiet li jirfdu t-tmexxija tal-politika baġitarja fl-Istati Membri. Dan wassal għat-tisħiħ sinifikanti tal-oqfsa fiskali nazzjonali li żiedu s-sjieda nazzjonali tad-dixxiplina fiskali u għall-promozzjoni tal-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Il-progress li jista' jiġi nnutat l-aktar huwa dak fl-Istati Membri li qabel il-kriżi ma kellhom l-ebda qafas domestiku, jew inkella oqfsa domestiċi rudimentali. Ir-rekwiżiti tal-UE servew bħala l-bażi biex huma jibnu qafas fiskali modern. L-elementi kollha tal-oqfsa fiskali ġew żviluppati b'mod rapidu, iżda l-parti l-kbira tal-progress sar fir-rigward tar-regoli fiskali nazzjonali u l-ħolqien ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti. L-għadd u l-kwalità tar-regoli fiskali numeriċi żdiedu b'mod sinifikanti. Issa jagħmlu parti mill-oqfsa fiskali fl-Istati Membri kollha u jikkontribwixxu għad-dixxiplina u l-konformità fiskali mar-regoli tal-UE.

[24] Ir-rwol li għandhom il-programmi ta' stabbiltà u konverġenza fil-qafas ta' sorveljanza naqas, li kkontribwixxa wkoll għall-posponiment ripetut tal-ksib tal-objettivi baġitarji ta' termini medju min-naħa tal-Istati Membri.
[25] Sett ta' regoli u istituzzjonijiet li jirregolaw il-politika fiskali fil-livell nazzjonali.

Virtwalment l-Istati Membri kollha ħolqu, jew saħħew, istituzzjonijiet fiskali indipendenti li għandhom rwol aktar u aktar importanti fid-diskussjonijiet finali fil-livell nazzjonali u tal-UE. Il-monitoraġġ indipendenti tal-politika fiskali, flimkien mal-istatistika fiskali mtejba u d-dispożizzjonijiet marbuta mat-tħejjija u l-pubblikazzjoni tal-previżjonijiet, tejbu t-trasparenza tal-politika fiskali. Il-partijiet nazzjonali kkonċernati ġeneralment iqisu l-oqfsa nazzjonali b'saħħithom bħala għodda effettiva u effiċjenti li tippromwovi l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE.

Fl-istess waqt, id-diżinn u l-effettività tal-oqfsa nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri. Dan għaliex (i) id-dritt tal-Unjoni jistipula biss ir-rekwiżiti minimi għall-oqfsa nazzjonali u (ii) l-implimentazzjoni u l-konformità reali mad-dispożizzjonijiet nazzjonali jvarjaw. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-Patt Fiskali[26] u r-regola baġitarja strutturali, is-sensiela ta' dispożizzjonijiet għall-oqfsa nazzjonali saret kemxejn kumplessa u wasslet għal inkonsistenzi bejn ir-regoli tal-UE u r-regoli nazzjonali. Dan inkoraġġixxa lil uħud mill-Istati Membri biex jarbitraw bejn ir-regoli nazzjonali u r-regoli tal-UE.

Kaxxa 2: Il-governanza ekonomika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika

Minn mindu tfasslet il-leġiżlazzjoni tas-"six-pack" fl-2011, is-Semestru Ewropew sar qafas stabbilit sew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan għandu l-għan li jipprovdi approċċ integrat billi jlaqqa' d-diversi partijiet tas-sorveljanza tal-politika ekonomika — il-politika fiskali, strutturali u finanzjarja — taħt skeda ta' żmien u qafas annwali għaċ-ċiklu ta' sorveljanza annwali[27]. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-passi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-PST u tal-MIP huma organizzati fi ħdan is-Semestru Ewropew, kemm f'dak li hu żmien, u fejn xieraq, f'dawk li huma rekwiżiti ta' rappurtar u sorveljanza. Dan l-allinjament jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jibbenefikaw minn approċċ integrat fir-rigward tal-politiki ekonomiċi.

F'dawn l-aħħar snin l-enfasi tas-Semestru Ewropew ġie estiż biex iqis aħjar id-dimensjoni taż-żona tal-euro, kif ukoll l-aspetti soċjali u dwar l-impjiegi, prinċipalment permezz tal-integrazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Anke d-djalogu mal-Parlament Ewropew, mal-awtoritajiet nazzjonali u mas-sħab soċjali ġie msaħħaħ. B'mod li huwa konsistenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, id-dimensjoni ambjentali tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri se jingħataw ħafna aktar prominenza fis-Semestru Ewropew, u se ssir ukoll il-qafas tal-valutazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi li huma meħtieġa biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-istess waqt li se tibqa' ffukata fuq l-isfidi ewlenin għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi.

[26] Il-Patt Fiskali huwa parti mit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Id-dispożizzjoni ewlenija ta' dak it-Trattat intergovernattiv hija r-rekwiżit li l-ordnijiet ġuridiċi domestiċi jinkludu regola dwar il-bilanċ tal-baġit (il-Patt Fiskali). L-għan kien li l-qafas fiskali bbażat fuq regoli tal-UE jiġi kkumplimentat minn dispożizzjonijiet fil-livell nazzjonali biex ikunu jistgħu jitfasslu politiki baġitarji sodi. Il-Patt Fiskali jorbot lill-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u lil tliet Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro (il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija) fuq bażi volontarja.

[27] Ir-Regolament (UE) 1175/2011 inkluda l-bażi ġuridika għas-Semestru Ewropew fir-Regolament Nru 1466/97 biex tiġi żgurata koordinazzjoni eqreb mal-politiki ekonomiċi u konverġenza kontinwa tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri u biex tingħata konsulenza politika integrata u koerenti dwar il-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri.

2.2 Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza makroekonomika

Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' sorveljanza lil hinn mill-politiki biex jibda jkopri għejun potenzjali oħra ta' żbilanċi makroekonomiċi li qabel kienu ġew ittraskurati. Fost l-oħrajn, dan fisser enfasi akbar fuq il-kwistjonijiet makrostrutturali u makrofinanzjarji marbuta mal-istabbiltà makroekonomika, bħall-iżbilanċi esterni, il-produttività, il-kompetittività, is-suq tad-djar u d-dejn privat. Barra minn hekk, l-iżviluppi fir-rigward tal-finanzi pubbliċi, notevolment id-dejn tal-gvern, jiġu analizzati taħt l-MIP minħabba r-rilevanza tagħhom għall-istabbiltà makroekonomika. F'dan ir-rigward l-MIP kkumplimentat għodod oħra ta' sorveljanza u pprovdiet il-bażi għall-prijoritizzazzjoni tal-politiki li ma jiġux indirizzati mill-PST iżda huma rilevanti għall-iżvilupp ordnat tal-finanzi pubbliċi. Il-bażi analitika biex jiġu identifikati l-iżbilanċi ġiet imsaħħa u ddaħħlu fis-seħħ il-proċessi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u tal-azzjoni ta' politika li jkunu ddaħħlu fis-seħħ. Għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza tal-MIP baqa' msejjes fuq l-aspetti rilevanti tal-istabbiltà makroekonomika, u gradwalment żviluppa biex jikkunsidra wkoll l-implikazzjoni aktar wiesa' marbuta mal-aġġustament, bħal dawk li jolqtu l-impjiegi u l-iżviluppi soċjali.

Madankollu, ir-rabtiet ma' partijiet oħra tas-sorveljanza mhux dejjem intużaw bis-sħiħ. Dan jikkonċerna r-relazzjoni bejn l-MIP u s-sorveljanza tal-PST biex fl-istess waqt jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, l-isfidi potenzjali fuq it-tkabbir u r-riskji marbuta mas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. Fl-aħħar nett, jista' jkun li sa issa s-sorveljanza tal-MIP għadha ma inkludietx l-interazzjonijiet mal-isfidi ġodda li qegħdin jitfaċċaw, l-aktar dawk marbuta mat-tibdil fil-klima u ma' pressjonijiet urġenti oħra.

Ir-rispons u l-effettività tal-politika fit-termini tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi

L-MIP qajmet kuxjenza, iffukat l-azzjoni tal-politika u f'ċerti każi kisbet riżultati tajbin, anke jekk il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (EIP) qatt ma ġiet attivata. L-MIP kkontribwiet biex jitfannad id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-politika dwar il-modi kif jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi, iffukat id-dibattitu fil-livell nazzjonali u saħħet il-proċessi tat-tfassil tal-politika. F'għadd ta' każijiet, l-MIP pprovdiet qafas għall-prijoritizzazzjoni tal-politiki li jindirizzaw kwistjonijiet makrostrutturali u makrofinanzjarji fil-pajjiżi li huma mhedda serjament minn riskju ta' instabbiltà finanzjarja. F'dawn il-każijiet, is-sorveljanza tal-MIP ġiet segwita minn risponsi ta' politika suġġetti għal monitoraġġ regolari u mill-qrib, u minn tnaqqis tat-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm bżonn li tintuża l-għodda aktar intrużiva tal-EIP.

Madankollu, l-MIP ma ġġeneratx l-impetu politiku meħtieġ biex ma tintefiex ix-xrara tal-ambizzjoni tar-riforma fl-Istati Membri li għad għadhom żbilanċi, fosthom fejn id-dejn domestiku u barrani għadu għoli. Filwaqt li hemm evidenza li fil-bidu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi taħt l-MIP kienu assoċjati ma' segwitu b'saħħtu, maż-żmien l-implimentazzjoni tar-riforma saret kumparabbli ma' dik ta' rakkomandazzjonijiet oħrajn mhux relatati mal-MIP li saru taħt is-Semestru Ewropew. Ir-ritmu tal-progress fit-tnaqqis tal-iżbilanċi naqas f'dawn l-aħħar snin, x'aktarx fid-dawl tat-tnaqqis tal-pressjoni tas-suq finanzjarju u pass aktar bil-mod tar-riformi.

L-MIP kellha iżjed suċċess fit-tnaqqis tad-defiċits fil-kontijiet kurrenti milli kellha fit-tnaqqis ta' surpluses kbar u persistenti fil-kontijiet kurrenti. Il-ħtieġa għal azzjoni ta' politika kienet waħda partikolarment urġenti fl-Istati Membri b'defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti u li bdew isiru anqas kompetittivi, u dan minħabba tħassib dwar is-sostenibbiltà tad-dejn estern tagħhom u r-riskju ta' solvenza relatat ma' dan li, jekk iseħħu flimkien ma' telf kostanti tal-

kompetittività tal-prezzijiet u tal-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, ikunu fatturi tassew inkwetanti. Min-naħa tagħha, l-MIP ma setgħetx tistimula l-aġġustament ta' surpluses kbar u persistenti fil-kontijiet kurrenti - fatt li ma jistax jiġi spjegat bis-sħiħ mill-elementi fundamentali ekonomiċi. Filwaqt li ma joħolqu l-ebda riskju immedjat għall-istabbiltà ekonomika nazzjonali, surpluses kbar u kostanti fil-kont kurrenti jaffettwaw il-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro. L-aġġustament tagħhom jikkontribwixxi għal imbuttatura lill-PDG reali tal-Istati Membri kkonċernati, u jħalli effetti konsegwenzjali pożittivi fuq il-bqija taż-żona tal-euro. Fl-aħħar nett, billi l-MIP ġiet introdotta f'kuntest fejn diġà kien hemm żbilanċi u żbilanċi eċċessivi f'bosta Stati Membri, l-effettività tagħha fil-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' żbilanċi, vulnerabbiltajiet u riskji ġodda għadha ma ġietx ippruvata. Dan jirrekjedi li l-iżbilanċi li jitfaċċaw jinqabdu fil-waqt biex tkun tista' tittieħed l-azzjoni ta' politika preventiva xierqa.

Is-sjieda tal-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi

Meta wieħed iqis l-ambitu wiesa' tal-iżbilanċi potenzjali, is-sorveljanza tal-MIP tiddependi kemm fuq l-użu ta' analiżi kwantitattiva kif ukoll ta' analiżi kwalitattiva u ma tistax tiġi adattata sempliċement għall-qari robotiku ta' indikaturi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni implimentat il-qafas bid-diskrezzjoni li ngħatatilha mir-Regolament Nru 1174/2011 u r-Regolament Nru 1176/2011, u ġeneralment il-Kunsill dejjem approva l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza u l-gravità tal-iżbilanċi. Fl-2016 il-Kummissjoni ċċarat il-kriterji għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-iżbilanċi u ssimplifikat il-klassifikazzjoni tagħhom[28]. Sa mill-bidu nett, l-implimentazzjoni tal-parti preventiva tal-MIP kienet integrata fis-Semestru Ewropew u l-applikazzjoni tagħha evolviet fid-dawl tal-esperjenza li nkisbet, ta' kif evolvew l-isfidi u abbażi tad-djalogu kontinwu mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati.

Minkejja l-progress li sar għal implimentazzjoni trasparenti tal-MIP, jistgħu jsiru aktar sforzi dwar ir-rabta bejn l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tal-MIP u r-relazzjoni bejn l-MIP u proċeduri oħra ta' sorveljanza. Meta l-Istati Membri ġew identifikati li għandhom defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni użat il-possibbiltà prevista fil-qafas tal-MIP li tibda tagħmel monitoraġġ speċifiku u mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-politiki, u b'hekk ikkontribwiet għal pressjoni mill-pari u għall-promozzjoni ta' azzjoni ta' riforma fl-Istati Membri kkonċernati. Madankollu, l-Istat Membru kkonċernat qatt ma ġie mġiegħel jimplimenta azzjonijiet ta' politika speċifiċi stabbiliti fi pjan ta' azzjoni korrettiva miftiehem. Prattika bħal din wasslet għal sejħiet biex il-Kummissjoni tuża l-għodda tal-MIP bis-sħiħ, fosthom ir-rakkomandazzjoni biex il-Kunsill jattiva l-EIP, u biex issaħħaħ it-trasparenza fil-każijiet fejn l-EIP ma tkunx tnediet fil-konfront tal-Istati Membri fejn ikunu ġew identifikati żbilanċi eċċessivi[29].

2.3 Stati Membri taż-żona tal-euro li għaddejjin minn diffikultajiet serji b'rabta mal-istabbiltà finanzjarja, jew huma mhedda b'tali diffikultajiet

[28] Fl-2016 il-Kummissjoni ippubblikat kompendju li jiddokumenta l-implimentazzjoni tal-MIP b'manjiera komprensiva u trasparenti; Il-Kummissjoni Ewropea (2016), The Macroeconomic Imbalance Procedure. Rationale, Process, Application: A Compendium.

[29] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li jkun hemm aktar trasparenza kull meta l-Kummissjoni ma tirrakkomandax il-ftuħ tal-EIP (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2018), "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku", Rapport speċjali Nru 03.)

Il-qafas għat-tfassil u l-monitoraġġ tal-programmi ta' assistenza finanzjarja makroekonomika

Matul l-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja ma kien hemm l-ebda qafas ta' appoġġ speċifiku għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet serji b'rabta mal-istabbiltà finanzjarja, jew li jkunu mhedda b'tali diffikultajiet. Matul l-2010 u fis-snin ta' wara[30] ġew żviluppati mekkaniżmi speċifiċi li jipprovdu appoġġ finanzjarju, li wasslu għall-ħolqien tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Madankollu, kien għad ma hemmx leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistipula qafas ta' sorveljanza u struttura ta' governanza għal dak l-appoġġ. Ir-Regolament Nru 472/2013 stabbilixxa qafas għall-organizzazzjoni ta' dan l-appoġġ biex tiġi żgurata t-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika.

Dan il-qafas kien japplika għall-programmi tal-Irlanda u tal-Portugall li kienu ffinanzjati mill-EFSF u l-EFSM; Spanja u Ċipru kienu ffinanzjati mill-MES, u l-Greċja (it-tieni u t-tielet programmi) li rċeviet assistenza finanzjarja kemm mill-EFSF kif ukoll mill-MES. Id-defiċits esterni u fiskali ġew solvuti fil-parti l-kbira tagħhom u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju tħarset jew treġġgħet lura. Barra minn hekk, il-politiki strutturali tal-programmi kkontribwew għall-istimular tat-tkabbir potenzjali. L-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro li rċevew assistenza finanzjarja rnexxielhom jerġgħu jaċċessaw is-swieq b'rati ta' finanzjament raġonevoli u issa huma suġġetti għas-sorveljanza ta' wara l-programm.

Id-dispożizzjonijiet tal-ħolqien tal-programmi ta' aġġustament makroekonomiku ġew rispettati, partikolarment fir-rigward ta': (i) it-tħejjija tal-programm u l-informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati dwar il-progress li sar; (ii) l-iżgurar tal-konsistenza bejn il-Memorandum ta' Qbil li ġie ffirmat mal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-programm ta' aġġustament makroekonomiku li ġie adottat mill-Kunsill; (iii) il-monitoraġġ tal-progress li sar b'rabta mal-implimentazzjoni tal-programm permezz ta' rieżamijiet regolari u l-involviment tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; (iv) l-għoti ta' assistenza teknika biex tiġi megħjuna l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tal-programm. Ir-Regolament Nru 472/2013 ippermetta wkoll li titħares l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi billi daħħal fis-seħħ dawk il-proċeduri.

Fir-rigward tal-arranġamenti tal-governanza tal-istituzzjonijiet involuti fil-programmi ta' aġġustament makroekonomiku – il-Kummissjoni f'kuntatt mal-Bank Ċentrali Ewropew u fejn xieraq mal-Fond Monetarju Internazzjonali – , il-qafas jipprovdi element ta' flessibbiltà dwar kif l-arranġamenti tal-governanza jiġu implimentati fil-prattika bit-twiddiba li kwalunkwe rwol li jkun ġie assenjat speċifikament għandu jiġi rrispettat bis-sħiħ. B'mod ġenerali l-arranġamenti tal-governanza ħadmu sew.

Ir-Regolament Nru 472/2013 ikkontribwixxa wkoll għat-titjib tat-trasparenza u għar-responsabbiltà tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni, partikolarment permezz tad-djalogu msaħħaħ mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali[31]. Barra minn hekk, ir-Regolament jinteraġixxi mat-Trattat dwar il-MES. Il-Kummissjoni trid tiżgura li kwalunkwe Memorandum ta' Qbil li jiġi ffirmat ma' Stat Membru taż-żona tal-euro f'isem il-MES ikun konsistenti ma' tali programm ta' aġġustament makroekonomiku u mad-dritt tal-Unjoni. B'rabta mar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-MES, l-implimentazzjoni prattika ġiet speċifikata fil-Memorandum ta' Qbil li ġie ffirmat fis-27 ta' April 2018 u fil-pożizzjoni

[30] Bħall-Ftehim dwar Faċilità ta' Self Grieg (GLF), il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM).

[31] Dan kien ikkonfermat mill-awditu tal-prestazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ara r-Rapport Speċjali Nru 17/2017: L-intervent tal-Kummissjoni fil-kriżi finanzjarja Griega.

konġunta li qablu dwarha fl-14 ta' Novembru 2018, li jservi bħala l-bażi għar-reviżjoni li għaddejja tat-Trattat dwar il-MES.

Il-prestazzjoni ekonomika u l-koerenza mal-proċeduri ta' sorveljanza tal-UE

Ir-Regolament Nru 472/2013 ikkontribwixxa għall-koordinazzjoni eqreb bejn il-politiki ekonomiċi u konverġenza kontinwa bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro billi tiġi żgurata l-konsistenza bejn iċ-ċiklu normali tas-sorveljanza tas-Semestru Ewropew u s-sorveljanza msaħħa skont dak ir-Regolament. Ir-Regolament issimplifika l-proċessi bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tas-sorveljanza tal-politika ekonomika u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar. Il-vulnerabbiltajiet u l-iżbilanċi li ġew identifikati mill-proċeduri ta' sorveljanza standard (il-PST u l-MIP) ġew indirizzati b'mod espliċitu fil-programmi ta' aġġustament makroekonomiku. Kwalunkwe aġġustament pendenti wara tmiem il-programm ġie ttrasferit fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fiċ-ċiklu normali ta' sorveljanza u fis-sorveljanza ta' wara l-programm. Għaldaqstant, is-sorveljanza msaħħa li ddaħħlet fis-seħħ mir-Regolament ikkontribwixxiet għat-tnaqqis tad-diverġenza temporanja bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u wittiet it-triq għal konverġenza msaħħa.

Id-dispożizzjonijiet għas-sorveljanza ta' wara l-programm ġew implimentati bis-sħiħ mill-Kummissjoni. F'dak li jikkonċerna l-effettività tas-sorveljanza msaħħa, ir-rekwiżiti rispettivi ilhom japplikaw għall-Greċja minn Awwissu 2018 (fi tmien il-programm ta' assistenza finanzjarja). Il-valutazzjoni inizjali bbażata fuq l-esperjenza limitata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi hija waħda pożittiva. Madankollu, filwaqt li inizjalment is-sorveljanza msaħħa ġiet maħsuba bħala qafas ta' prevenzjoni li jgħin lill-Istati Membri f'riskju li jkollhom bżonn assistenza finanzjarja, sal-lum għadha ma ġietx attivata għal raġuni bħal din.

Fl-istess ħin, huwa importanti li tinżamm sjieda nazzjonali xierqa tal-programmi, partikolarment fi żmien meta pajjiż jkun se joħroġ mill-programm jew meta l-programm jkun se jitwaqqaf. Għad hemm ukoll kwistjonijiet ta' trasparenza u responsabbiltà, fosthom fid-dawl tal-fatt li sal-lum l-MES għadha korp intergovernattiv.

2.4. Sejbiet ġenerali

Dan ir-rieżami ħareġ fid-dieher il-punti pożittivi kif ukoll l-oqsma li jistgħu jitjiebu. Jikkonferma li r-riforma tas-"six-pack" u tat-"two-pack", flimkien mat-tnedija tas-Semestru Ewropew, saħħew il-qafas tas-sorveljanza ekonomika fl-UE u fiż-żona tal-euro u ggwidaw lill-Istati Membri fil-ksib tal-objettivi tal-politika fiskali tagħhom. Wasslu wkoll għal approċċ aktar komprensiv u integrat għas-sorveljanza li jiżgura aktar il-konsistenza ġenerali mal-konsulenza politika li tingħata fl-isfond tas-Semestru Ewropew (ara l-Kaxxa 2). Il-ħolqien ta' skeda ta' żmien baġitarja komuni u l-gwida politika maħruġa abbażi tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri wasslet għall-koordinazzjoni eqreb fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant il-miżuri li ġew introdotti mir-riformi tas-"six-pack" u tat-"two-pack" ikkontribwew għal koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi.

L-implimentazzjoni tal-politiki rakkomandati mill-Istati Membri tat kontribut, fost fatturi oħrajn, għat-tisħiħ gradwali tal-ekonomiji tal-UE u għall-ħolqien qawwi ta' impjiegi li ġew irreġistrati f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, permezz tal-appoġġ tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti, tal-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' żbilanċi ġodda u tat-tnaqqis tal-livelli tad-dejn tal-gvern, il-qafas ta' sorveljanza għen biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet u r-riskji ta' riperkussjonijiet potenzjalment dannużi. Għalhekk ir-riforma tas-"six-pack" u tat-"two-pack" għamlu l-parti tagħhom fil-ksib tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

Il-qafas ta' sorveljanza msaħħaħ inkoraġġixxa wkoll konverġenza kontinwa tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri, bit-treġġigħ lura tat-tkabbir ekonomiku u t-tnaqqis tar-rati tal-qgħad fl-Istati Membri kollha, it-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi u tal-livelli tad-defiċits u d-djun pubbliċi, hekk kif l-Istati Membri kollha ħarġu mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Mhux talli hekk, il-qafas li ddaħħal fis-seħħ bħala għajnuna lill-Istati Membri taż-żona tal-euro li kienu għaddejjin minn diffikultajiet marbuta mal-istabbiltà finanzjarja, u dawk li kienu mhedda b'tali diffikultajiet, ta sehmu biex titnaqqas id-diverġenza temporanja bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-bqija taż-żona tal-euro u witta t-triq għal konverġenza mġedda.

L-irkupru minn meta ntemmet il-kriżi finanzjarja dam ħafna biex seħħ meta jitqabbel mal-istandards tal-imgħoddi, iżda kien hemm ukoll tnaqqis fix-xejra tat-tkabbir, flimkien ma' inflazzjoni li ppersistiet f'livell baxx ħafna. Fl-istess ħin, il-livelli tad-dejn pubbliku f'uħud mill-Istati Membri għadhom għoljin, u huma wkoll ferm 'il bogħod mill-objettivi ta' terminu medju waqt li l-isforzi tar-riforma qed imajnaw. L-ekonomiji ta' uħud mill-Istati Membri għadhom vulnerabbli għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku b'riskji ta' riperkussjonijiet li jekk iseħħu se jaffettwaw il-funzjonament taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

Il-pożizzjoni fiskali fil-livell tal-Istati Membri individwali ta' spiss kienet waħda proċiklika. Barra minn hekk, il-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi ma saritx aktar favorevoli għat-tkabbir u l-gvernijiet nazzjonali aktar urew il-preferenza tagħhom li jżidu n-nefqa kurrenti milli jħarsu l-investiment. Fil-każ li jseħħu xokkijiet kbar li ma jkunux ikkawżati mill-politiki, il-kapaċità li l-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro kollha kemm hi tiġi ggwidata, bl-isforzi fiskali differenzjati xierqa fost l-Istati Membri, hija ostakolata min-nuqqas ta' politiki prudenti fi żminijiet ta' ġid u se tibqa' mliġġma sakemm tibqa' sserraħ biss fuq il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali - dejjem jekk ma jkunx hemm kapaċità ta' stabbilizzazzjoni ċentrali. Għaldaqstant, il-qafas ta' bħalissa u l-implimentazzjoni ma inkoraġġewx l-istabbilizzazzjoni makroekonomika.

Barra minn hekk, il-qafas ta' sorveljanza ta' bħalissa u l-implimentazzjoni tiegħu ma ggarantewx divrenzjar suffiċjenti bejn Stati Membri b'pożizzjonijiet fiskali differenti ħafna, b'riskji fuq is-sostenibbiltà jew b'vulnerabbiltajiet oħrajn. Ir-relazzjoni bejn ir-regoli fiskali tal-Unjoni u l-oqfsa fiskali nazzjonali hija qasam ieħor fejn jista' jsir titjib.

Il-qafas fiskali (li jinkludi l-leġiżlazzjoni sekondarja u dokumenti oħrajn li jagħtu aktar dettalji u trasparenza dwar kif is-sorveljanza ssir fil-prattika) sar kumpless wisq. Din il-kumplessità tirriżulta mill-qafas li jsegwi bosta objettivi u mill-ħtieġa li tinqeda varjetà wiesgħa ta' ċirkostanzi li qed jevolvu, fosthom l-użu tal-flessibbiltà f'kuntest ta' fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri. Hija riflessa f'kodifikazzjoni dettaljata ħafna, li tinkludi diversi indikaturi operazzjonali li għadd minnhom mhumiex osservabbli u jiġu riveduti spiss, kif ukoll varjetà ta' klawsoli liberatorji. Minħabba f'hekk ir-regoli fiskali saru anqas trasparenti u jfixklu l-prevedibbiltà, il-komunikazzjoni u l-aċċettazzjoni politika.

Għalkemm żbilanċi oħrajn li ġew akkumulati matul il-kriżi ekonomika qegħdin jonqsu, f'ħafna każijiet dan qed isir aktar bil-mod. L-MIP kellha iżjed suċċess fit-tnaqqis tad-defiċits fil-kontijiet kurrenti milli kellha fit-tnaqqis ta' surpluses kbar u persistenti fil-kontijiet kurrenti. Filwaqt li dan jista' jiġi spjegat minn ħtiġijiet aktar urġenti biex jiġu kkoreġuti defiċits kbar fil-kont kurrenti minħabba t-tħassib dwar is-sostenibbiltà, is-surpluses persistenti fil-kontijiet kurrenti wkoll jistgħu jolqtu l-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro. L-impetu tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika mhuwiex ottimali u qiegħed jonqos hekk kif il-momentum għar-riforma qata' lura. Barra minn hekk, filwaqt li l-interazzjoni bejn il-partijiet speċifiċi tas-sorveljanza kienet xierqa, għad hemm lok li flimkien jibdew jaħdmu aħjar. L-irbit importanti bejn l-għodod ta' sorveljanza individwali mhumiex jiġu kkunsidrati biżżejjed, partikolarment

fejn il-kwistjonijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku huma marbuta intrinsikament ma' żbilanċi makroekonomiċi aktar mifruxa jew tkabbir potenzjali baxx[32].

Fl-aħħar nett, għandu jingħata ħsieb dwar il-ħtieġa li l-qafas tas-sorveljanza jgħin biex jiġu indirizzati l-aktar sfidi ekonomiċi, demografiċi u ambjentali urġenti tal-lum u t'għada. Bħalissa, waħda mill-isfidi ewlenin hija li, sakemm ma titteħidx azzjoni politika li tagħti spinta lit-tkabbir potenzjali, it-tkabbir jista' jibqa' mrażżan għal perjodu itwal. B'politika monetarja li diġà hija akkomodanti ħafna, huwa importanti li jiġi kkunsidrat jekk il-politiki fiskali u strutturali tal-Istati Membri jistgħux, u kif jistgħu, jikkontribwixxu għat-taħlita ta' politika fiż-żona tal-euro u jżidu t-tkabbir potenzjali, u li ssir riflessjoni dwar ir-rwol potenzjali tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE fi ħdanhom. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat sa fejn dan il-qafas jista' jsostni l-ħtiġijiet tal-politiki ekonomika, ambjentali u soċjali relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u ekonomija diġitali Ewropea u b'hekk jikkumplimenta r-rwol ewlieni tal-ambjent regolatorju u tar-riforma strutturali.

3. Kwistjonijiet għal dibattitu pubbliku

Fuq il-bażi tal-esperjenza li nkisbet s'issa fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, hemm għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jintgħażlu għal dibattitu pubbliku:

> *Il-qafas kif jista' jitjieb biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fl-Istati Membri kollha u biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iżbilanċi ekonomiċi filwaqt li jiġi evitat li jitfaċċaw oħrajn?* Fid-dawl tal-esperjenza li nkisbet, it-tweġiba tinsab fit-twettiq effettiv tal-objettivi li jinkisbu pożizzjonijiet sostenibbli tal-finanzi pubbliċi u li jiġu evitati żbilanċi makroekonomiċi. Il-koordinazzjoni u s-sorveljanza ekonomiċi effettivi huma s-sisien li fuqhom trid tinbena r-reżiljenza fl-UE u fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u dan fid-dawl tar-riperkussjonijiet negattivi potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn pożizzjonijiet insostenibbli. Filwaqt li nkiseb progress ġenerali f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà tad-dejn u tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, dan mhux dejjem kien biżżejjed u għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri. Għaldaqstant hemm il-ħtieġa li jinbena qafas effettiv li jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku, fosthom fejn huwa l-aktar meħtieġ, u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. F'dan il-kuntest, ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima jridu jitqiesu.
>
> *Kif jistgħu jiġu żgurati politiki fiskali responsabbli li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà u fl-istess ħin jippermettu l-istabbilizzazzjoni f'qasir żmien?* Il-gwida politika fiskali tgħin lill-Istati Membri jiksbu s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u jwettqu politiki fiskali kontroċikliċi li jikkontribwixxu għal stabbilizzazzjoni makroekonomika aħjar kemm fi żminijiet tajbin kif ukoll f'dawk ħżiena. Filwaqt li qafas effettiv għandu jimmira li jkun kontroċikliku fi żminijiet tajbin kif ukoll f'dawk ħżiena, ta' spiss dan ma nkisibx fil-prattika. Sforz fiskali adegwat u t-tnaqqis tad-dejn fi żminijiet tajbin jgħinu biex jinħoloq l-ispazju fejn il-politika fiskali tkun tista' tintuża fiż-żminijiet il-ħżiena. L-ippjanar xieraq tal-politika fuq terminu medju, kemm fir-rigward tal-miri fiskali u tar-riformi strutturali għall-inkoraġġiment tal-produttività u tal-investiment, u ankra ta' politika xierqa jkunu ta' ġid f'dan ir-rigward.

[32] Barra minn hekk, is-sorveljanza tar-riperkussjonijiet bejn is-sovran u l-banek ma kellhiex rwol ċentrali fil-qafas, għalkemm għadhom rilevanti għall-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja.

X'inhu r-rwol xieraq li għandu jkollu l-qafas ta' sorveljanza tal-UE biex l-Istati Membri jkollhom inċentiv biex iwettqu r-riformi u l-investimenti ewlenin meħtieġa biex ikunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-lum u t'għada, filwaqt li jħarsu s-salvagwardji kontra r-riskji ta' djun insostenibbli? Il-qafas għandu jkun konsistenti mal-isfidi tal-lum u t'għada. Hija meħtieġa diskussjoni dwar x'għandu jkun ir-rwol xieraq tal-qafas ta' sorveljanza tal-UE fil-promozzjoni kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi li twassal għal tkabbir sostenibbli u biex l-Istati Membri jsostnu livelli ta' investiment adegwati. B'mod partikolari, se jkun meħtieġ investiment sinifikanti biex tintlaħaq l-ambizzjoni ġenerali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din tqajjem il-kwistjoni dwar sa fejn il-qafas fiskali jista' jsostni r-riformi u l-investimenti, fosthom il-kapital uman u l-ħiliet, meħtieġa biex issir it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi, u ekonomija kompetittiva adatta għall-era diġitali, b'mod li ħadd ma jitħalla jaqa' lura. Dan jinkludi r-rivalutazzjoni tal-adegwatezza tal-klawsoli ta' flessibbiltà kurrenti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-eliġibbiltà tagħhom, biex jiġi ffaċilitat l-aħjar tip u livell ta' investiment filwaqt li titħares is-sostenibbiltà tad-dejn. Barra minn hekk, għandu jingħata ħsieb xi rwol irid ikollu l-qafas fiskali fl-ekoloġizzazzjoni tal-baġits nazzjonali.

Kif jista' jiġi ssimplifikat il-qafas tal-UE u kif tista' tittejjeb it-trasparenza tal-implimentazzjoni tiegħu? Filwaqt li l-qafas tas-sorveljanza fiskali ta' bħalissa inkluda elementi ta' flessibbiltà u diskrezzjoni permezz ta' sett kumpless ta' dispożizzjonijiet li ġew adottati fl-isfond ta' nuqqas ta' fiduċja min-naħa tal-partijiet ikkonċernati, l-applikazzjoni effettiva tal-ġudizzju ekonomiku f'qafas imsejjes fuq regoli irid isir b'mod oġġettiv u trasparenti. Dan jinkludi, pereżempju, il-kunsiderazzjoni dwar jekk enfasi ċara fuq żbalji ta' politika kbar kif inhu stipulat fit-Trattat, fuq il-bażi ta' objettivi definiti b'mod ċar u miri ta' politika operazzjonali, tistax tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' sorveljanza. Qafas u implimentazzjoni aktar sempliċi jista' jikkontribwixxu għal aktar sjieda, komunikazzjoni aħjar u kost politiku aktar baxx għall-infurzar u l-konformità.

Is-sorveljanza kif tista' tiġi ffukata fuq dawk l-Istati Membri bl-aktar sfidi ta' politika urġenti u jiġi żgurat djalogu u impenn ta' kwalità? Is-sorveljanza għandha tkun proporzjonata mal-gravità tas-sitwazzjoni, b'enfasi aktar qawwija fuq l-aktar każijiet urġenti u proċeduri anqas intrużivi fejn ir-riskji kumplessivi ma jkunux kbar. Għalhekk irid jitqies jekk, biex ikun effettiv, il-qafas ta' sorveljanza għandux jiffoka aktar fuq "l-identifikazzjoni ta' żbalji kbar"[33], jiġifieri fuq dawk l-Istati Membri bi strateġija ta' politika li tpoġġi d-dejn pubbliku tagħhom fuq triq potenzjalment insostenibbli jew li twassal għal żbilanċi makroekonomiċi oħra. Barra minn hekk, djalogu politiku b'saħħtu mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati huwa fundamentali, speċjalment f'kuntest multilaterali, iżda anke fil-livell bilaterali mal-Kummissjoni.

Il-qafas kif jista' jiżgura infurzar effettiv? X'għandu jkun ir-rwol tas-sanzjonijiet pekunjarji, tal-kosti fuq ir-reputazzjoni u tal-inċentivi pożittivi? Il-bilanċ xieraq bejn is-sanzjonijiet pekunjarji u l-għodod li jinċentivaw l-istabbiltà makroekonomika u t-tkabbir sostenibbli, bħall-Istrument Baġitarju għall-Konverġenza u l-Kompetittività

[33] Ara l-Artikolu 126(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

jew l-Istrument għall-Konverġenza u r-Riforma, għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa bħala element li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas.

Hemm lok għat-tisħiħ tal-oqfsa fiskali nazzjonali u għat-titjib tal-interazzjoni tagħhom mal-qafas fiskali tal-UE? Għandu jitqies jekk rwol aktar b'saħħtu għall-oqfsa fiskali nazzjonali, partikolarment ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti, jikkontribwixxix għal konformità aħjar mar-regoli fiskali tal-UE u jekk fl-istess ħin itejjibx is-sjieda tal-qafas. Barra minn hekk, billi statistika ta' kwalità għolja hija essenzjali għal qafas fiskali trasparenti, irid jiġi vvalutat x'aktar titjib huwa meħtieġ fil-kwalità tad-*data*.

Il-qafas kif għandu jqis id-dimensjoni taż-żona tal-euro u l-aġenda għat-tfannid tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja? Hemm għadd ta' rabtiet konkreti bejn il-qafas tal-governanza ekonomika u l-aġenda usa' biex tiġi kkompletata l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. L-ewwel nett, il-PST u l-MIP jiffokaw esklużivament fuq il-politiki nazzjonali, partikolarment dawk dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-livelli għolja tad-dejn pubbliku u tad-defiċits fil-kontijiet kurrenti. F'dan il-kuntest, u fin-nuqqas ta' kapaċità fiskali ċentrali b'karatteristiċi ta' stabbilizzazzjoni, il-kapaċità li l-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro titmexxa b'mod uniku għadha limitata. L-introduzzjoni ta' kapaċità ta' stabbilizzazzjoni ta' daqs xieraq twassal biex il-politika fiskali tkun tista' tikkontribwixxi aktar għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika fil-livell taż-żona tal-euro kollha kemm hi. It-tieni, l-ikkompletar tal-unjoni finanzjarja (l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali), l-introduzzjoni ta' ass sikur komuni u r-rieżami tat-trattament regolatorju tal-esponiment sovran tal-banek jistgħu – skont id-diżinn speċifiku li jingħataw – jiffaċilitaw id-dixxiplina tas-suq u jippermettu diżinn aktar issimplifikat ta' qafas effettiv għas-sorveljanza fiskali. It-tielet, Unjoni Ekonomika u Monetarja vibranti u reżiljenti, mibnija fuq sisien sodi, huwa l-aħjar mod biex tiżdied l-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa. Hija prerekwiżit għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro, li min-naħa tagħha hija għodda li ssaħħaħ l-influwenza tal-Ewropa fid-dinja u fis-swieq globali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej u għas-sostenn tal-interessi tad-ditti, tal-konsumaturi u tal-gvernijiet Ewropej.

Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-PST u l-MIP kif jistgħu jinteraġixxu u jaħdmu aħjar flimkien biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fost l-Istati Membri? Is-Semestru Ewropew jirnexxielu jallinja l-partijiet differenti tas-sorveljanza fi skeda ta' żmien komuni waħda. Jikkontribwixxi għas-sinkronizzazzjoni tal-proċeduri nazzjonali u jgħin fil-konverġenza fl-UE. Minkejja dan, jaf għad hemm lok li jissaħħaħ aktar bħala għodda għall-koordinazzjoni tal-politika fid-dawl ta' sorveljanza integrata u fil-kuntest tal-isfidi ġodda li jitfaċċaw. Filwaqt li l-partijiet individwali jiffokaw fuq l-objettivi tagħhom stess, trid issir valutazzjoni dwar jekk dawn jistgħux jiġu implimentati b'mod aktar effettiv flimkien meta l-isfidi jkunu interkonnessi. Pereżempju, dan jista' jsir billi jintużaw ir-rabtiet eżistenti bejn l-MIP u l-PST f'każijiet fejn il-kwistjonijiet dwar is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku jkunu relatati kemm mad-dixxiplina fiskali kif ukoll ma' impedimenti strutturali għat-tkabbir potenzjali.

Il-funzjonament effettiv tal-qafas ta' sorveljanza jaqa' fir-responsabbiltà kollettiva tal-Istati Membri kollha, tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-partijiet ikkonċernati ewlenin l-oħra. Biex is-sorveljanza ekonomika fl-Unjoni tkun effettiva huwa kruċjali li jinbnew livelli għolja ta' kunsens u fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jinvolvu ruħhom f'dibattitu pubbliku u jagħtu l-fehma tagħhom dwar kif tista' tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-qafas tal-governanza ekonomika.

Id-dibattitu pubbliku għandu jagħti opportunità lill-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu l-fehma tagħhom dwar il-funzjonament tas-sorveljanza sal-lum u l-modi li permezz tagħhom il-qafas jista' jsir aktar effettiv b'rabta mal-ilħuq tal-objettivi ewlenin. Il-Kummissjoni hija ħerqana għal dibattitu inklużiv li jinvolvi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali, lill-banek ċentrali nazzjonali, lill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, lill-bordijiet nazzjonali tal-produttività, lis-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll lill-istituzzjonijiet akkademiċi bil-għan li jingħabar rispons sal-ewwel nofs tal-2020. Fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se timpenja ruħha ma' dawn il-partijiet ikkonċernati permezz ta' diversi modi fosthom laqgħat apposta, workshops u pjattaforma ta' konsultazzjoni online. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fehmiet kollha u, sal-2020, abbażi ta' dan tiffinalizza r-riflessjonijiet interni tagħha dwar jekk ikunx hemm lok għal possibbli fil-ġejjieni.